15 ta' Frar, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Albert Bonello *versus* Paola *sive* Polly Azzopardi

**Elevazzjoni — Ċitazzjoni — Kawżali — Nullità — Dikjarazzjoni — Art. 155 (1) u 792 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Il-kawżali għandha tkun espressa fiċ-ċitazzjoni, u ma tistax tiġi supplita b'riferenza għad-dikjarazzjoni; għax għalkemm id-dikjarazzjoni*

*għandha takkompanja ċ-ċitazzjoni, u hija ħaġa waħda magħha, ma tistax tissostitwixxi, iżżid jew tissupplementa nuqqas dwar l-indikazzjoni ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba fl-att taċ-ċitazzjoni.*

*Barra minn dan, il-kawżali fiċ-ċitazzjoni għandha tkun espressa b'mod ċar u ċert; u d-domanda tista' tiġi milqugħa biss fuq il-kawżali ċara u ċerta, u qatt fuq kawżali ġenerika, bħal ma hi dik li tiġi riportata bil-kliem "u għal kull raġuni oħra li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża".*

*Għaldaqstant, domanda biex jiġi revokat mandat ta' elevazzjoni għar-raġunijiet esposti fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni u għal oħrajn li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża trrendi ċ-ċitazzjoni nulla minħabba nuqqas fiha ta' kawżali.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur jitlob illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa, għar-raġunijiet esposti fl-annessa dikjarazzjoni u oħrajn li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, jiġi revokat il-mandat tal-qbid numru 258/1954, maħruġ minn dina l-Qorti fl-24 ta' Ġunju, 1954 (dok. A), li biħ il-konvenuta qabdet minn għandu lill-bintha minuri Maria Dolores sive Doris Borg, li ġiet kollokata mas-Sorijiet Domenikani ta' Ħaż-Żabbar. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, li ġiet imħarrka għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni, tan-nullità taċ-ċitazzjoni minħabba nuqqas fiha ta' kawżali;

Illi, skond id-dispożizzjoni ta' l-art. 155(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, iċ-ċitazzjoni għandha titlesta mill-attur, u għandha jkollha mfissrin fiha ċar u sewwa l-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dawn huma partikolaritajiet sostanzjali fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk in-nuqqas tagħhom huwa milqut mill-liġi stess b'nullità (art. 792 Kodiċi ċitat);

Illi l-konvenuta tallega li fl-att taċ-ċitazzjoni l-attur naqas illi jesprimi l-kawżali, jew ir-raġuni tat-talba. Din l-allegazzjoni tidher illi hi sostenibbli. Tabilħaqq, l-attur qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għal żewġ xorta ta' raġunijiet, jiġifieri "għal dawk esposti fl-annessa dikjarazzjoni", u għal dawk "oħrajn li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża";

Illi, in kwantu għall-ewwel raġuni, l-attur stess jammetti illi l-kawżali tinsab esposta fid-dikjarazzjoni, u mhux fiċ-ċitazzjoni; mentri d-dispożizzjoni tal-liġi l-fuq ċitata teżiġi, tant fit-test Malti kemm f'dak Ingliż, illi l-kawżali trid tkun imfissra mill-attur, u b'mod ċar u sewwa, fiċ-ċitazzjoni; iċ-ċitazzjoni għandha jkun fiha mfisser ċar u sewwa r-raġuni tat-talba; "the writ of summons shall contain a clear and correct statement of the cause of the claim". Dan ifisser illi l-kawżali għandha tkun espressa fiċ-ċitazzjoni, u mhux, kif sar mill-attur f'din il-kawża, supplita b'riferenza għad-dikjarazzjoni. Id-dikjarazzjoni li skond il-liġi għandha takkompanja ċ-ċitazzjoni, għalkemm hi ħaġa waħda maċ-ċitazzjoni, ma tistax tissostitwixxi, iżżid jew tissupplementa nuqqas dwar l-indikazzjoni ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba fl-att taċ-ċitazzjoni (Vol. XXXIV-I-480). Għalkemm id-dikjarazzjoni li għandha takkompanja ċ-ċitazzjoni skond l-emendi introdotti fis-sena 1934 tiġi notifikata maċ-ċitazzjoni, u hi ħaġa waħda magħha, ir-rekwiżiti taċ-ċertezza u kjarezza tal-kawżali fiċ-ċitazzjoni għadhom rikjesti mill-liġi, u ma jistgħux jiġu suppliti b'sempliċi riferenza; u l-Qorti ma tistax tippermetti devjazzjoni tali fil-proċedura li, fil-waqt illi tissostitwixxi d-dikjarazzjoni għaċ-ċitazzjoni, ikollha l-effett li tirrendi inutili dispożizzjoni tal-liġi li baqgħet anki wara dawk l-emendi (Vol. XXIX-III-88);

Illi, in kwantu għar-raġuni l-oħra, jingħad illi l-kawżali fiċ-ċitazzjoni għandha tkun espressa b'mod ċar u ċert, u d-domanda tista tiġi milqugħa biss fuq dik il-kawżali ċara u ċerta, u qatt fuq kawżali ġenerika bħal ma hi dik li tiġi riportata bil-kliem "u għal kull raġuni oħra li tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża" (Vol. XXXIV-I-108);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta, relattiva għan-nullità taċ-ċitazzjoni minħabba nuqqas fiha ta' kawżali; tiddikjara irritu u null il-proċediment; u tillibera l-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.